*16 ta' Marzu, 2011*

29/2011

**150 ĠURNATA MILL-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**INAWGURATA L-VERŻJONI MALTIJA TAL-KANZUNETTA UFFIĊJALI**

Data: Il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu, 2011

Post: Bianco's, Bajja ta' Spinola, San Ġiljan

Ħin: 12.00 p.m.

Nistednuk tattendi għall-inawgurazzjoni tal-verżjoni Maltija tal-kanzunetta uffiċjali tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2011. 'Il fuq minn 600 żagħżugħ u żagħżugħa se jkunu qed jirrappreżentaw lil Malta f'dan l-akbar avveniment internazzjonali li ser isir f'Madrid, Spanja, bejn is-16 u l-21 ta' Awwissu. L-avveniment huwa mistenni li jattira madwar żewġ miljun ruħ minn madwar id-dinja għal festival ta' kultura u fidi.

L-innu uffiċjali bl-Ispanjol kien maħruġ f'Novembru li għadda, waqt iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Barcelona. Immedjatament wara, f'Malta nbeda x-xogħol fuq il-verżjoni bil-Malti tal-kanzunetta. Din, issa, se tkun inawgurata nhar il-Ġimgħa, 150 ġurnata qabel il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Ikunu servuti ikel u xorb waqt l-inawgurazzjoni.

Il-kliem tal-kanzunetta ġew tradotti mill-Ispanjol għall-Malti minn Gabriella Farrugia, li kisbet l-Aħjar Studenta Maltija tal-Lingwa Spanjola 2010. Il-verżjoni Maltija ġiet irrekordjata professjonalment fl-istudios ta' Mro Joe Brown, u kantata minn Thea Garrett, Pamela Bezzina u Angela Spiteri.

Il-proġett huwa kkoordinat mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Aktar informazzjoni fuq info@kdz.org.mt jew bit-telefon fuq 21484506.

Nistiednukom tibagħtu ġurnalist u fotografu/cameraman. Grazzi.